**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**MAĠISTRAT**
**DR. RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Rikors Numru: 152/2019 RM**

**Onor. Ministru Prof. Edward Scicluna**

**-Vs-**

**Onor. Dr. Simon Busuttil**

**Illum, 27 ta' Settembru 2021**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ipprezentat mill-Onor. Ministru Prof. Edward Scicluna fir-Registru ta' din il-Qorti nhar 29 ta' Lulju, 2019 fejn prevja dikjarazzjoni li l-konvenut huwa responsabbi ta' malafama u libell fil-konfront tieghu wara pubblikazzjoni ta' messagg fuq in-netwerk socjali Twitter fid-19 ta' Lulju 2019 (Dok. A) fejn kiteb il-messagg « *As a #eurozone country we CANNOT AFFORD to have a Finance MInister embroiled in a money laundering investigation. For the sake of our country @edward_scicluna MUST GO NOW, at least until he clears his name* », stante illi l-istess messagg huwa malafamanti, libelluz u jirrapprezenta fatti inveritijeri u ghalhekk intiz sabiex ittellef jew inaqqas ir-reputazzjoni tieghu, talab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas dik is-somma li tigi likwidata bhala danni kawzati minnu bl-imsemmija malafama u libell, bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut li gie ingunt ghas-subizzjoni.

Rat ir-Risposta tal-konvenut l-Onor. Dr. Simon Busuttil ipprezentata fir-Registru ta' din il-Qorti nhar it-13 t'Awwissu, 2019 fejn ressaq is-segwenti eċċezzjonijiet:

"*Illi t-talbiet tal-attur huma nfondati filfatt u di dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontrih għas segwenti raġunijiet:*

1. *Illi t-tweet de quo mhux libelluż u/jew malafamanti fil-konfront tar-rikorrent;*

2. *Illi l-kontenut tat-tweet de quo jikkonċerna stat ta' fatt li fit-18 ta' Lulju 2019 il-Qorti tat Digriet (***Dok.SB1***) li permezz tiegħu laqgħet it-talba l-Għaqda tas-Soċjeta' ċivili Repubblika sabiex tinfetaħ inkjesta in genere biex tinvestiga fost affarijiet oħra, ħasil ta' flus in konnessjoni mal-kon`essjoni ta' tliet sptarijiet pubbliċi lill-entita' privata u fejn indikat tliet Ministri, fosthom il-Ministru Professur Edward Scicluna, bħala persuni suspettati, liema fatt ġie mxandar bi prominenza fuq il-mezza tax-xandir, fosthom f'The Times f'rapport dwar id-Digriet intitolat "Court orders inquiry into government hospitals deal"; (***Dok.SB2***);*

3. *Illi t-tweet de quo jikkonsisti f'kumment politiku dwar persuna pubblika f'materja ta' interess pubbliku, u għalhekk huwa fair comment, kritika aċċettabbli f'soċjeta' demokratika u eżerċizzju tal-liberta' tal-espressjoni sancita, inter alia, mil-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem;*

4. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri."*

Rat id-digriet taghha moghti waqt is-seduta tal-4 ta' Ottubru 2019 fejn ordnat il-korrezzjoni tar-Rikors promotur billi l-kelma « Facebook » tithassar u tigi sostitwita bil-kelma « Twitter » u rat ukoll illi l-konvenut ta ruhu b'notifikat bir-Rikors promotur kif korrett ;

Rat l-Affidavit tal-attur ippreżentat fit-tnejn u ghoxrin [22] ta' Jannar tal-2020;

Rat ukoll l-Affidavit tal-konvenut ippreżentat fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Jannar 2021;

Semghet ix-xhieda ;

Rat il-provi u d-dokumenti kollha esebiti ;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ipprezentata mill-attur fit-30 ta' Lulju 2021 ;

Rat ukoll in-nota ta' sottomissjonijiet responsiva ppreżentata mill-konvenut Dr. Simon Busuttil fit-30 ta' Awwissu 2021 ;

Rat l-atti kollha ;

Ikkunsidrat ;

L-attur istitwixxa din l-azzjoni ta' libell għaliex isostni illi huwa ġie malafamat bil-pubblikazzjoni mill-konvenut tas-segwenti dikjarazzjoni fuq il-pjattaforma tal-midja soċjali, Twitter, fid-19 ta' Lulju 2019:-

"*as a #eurozone country we CANNOT AFFORD to have a Finance Minister embroiled in a money laundering investigation. For the sake of our country @edward_scicluna MUST GO Now, at least until he clears his name*".

Din il-pubblikazzjoni saret fl-isfond tad-digriet mogħti mill-Maġistrat Claire Stafrace Zammit fit-18 ta' Lulju 2019 fuq talba ta' Repubblika magħmula ai termini tal-Artiklu 546A tal-Kodiċi Kriminali biex tinbeda inkjesta maġisterjali fil-konfront tal-Ministru Dr. Konrad Mizzi, il-Ministru Dr. Chris Cardona, Ivan Vassallo u l-attur, minħabba allegazzjoni li huma kkommettew diversi reati kriminali. Permezz ta' dan id-digriet, il-Maġistrat ordnat li tiġi kondotta inkjesta dwar l-in genere tar-reati kriminali li ġie

allegat li ġew kommessi mill-persuni msemmija, fosthom l-attur. Dan id-digriet ingħata prominenza fir-rapportaġġ fil-midja fosthom fuq is-sit elettroniku timesofmalta.com permezz ta' artikolu intestat "*Court orders inquiry into government hospitals deal*" imtella' fit-18 ta' Lulju 2019, f'liema artikolu jingħata aċċess għall-kontenut tal-imsemmi digriet. Il-konvenut, fit-*tweet* minnu pubblikat, ipprovda permezz ta' *hyperlink*, aċċess għall-artikolu fuq imsemmi, imtella' fuq is-sit timesofmalta.com u b'hekk ukoll għall-kontenut tad-digriet tal-Maġistrat tat-18 ta' Lulju 2019.

Skont l-attur, il-malafama tinsab fil-fatt illi l-konvenut stqarr illi huwa kien "*embroiled in a money laundering investigation*" meta effettivament, mhux talli dan mhux minnu, talli ma jirriżulta mkien fl-artikolu mtella' fuq is-sit elettroniku timesofmalta.com li sar referenza ghalih fil-post tal-konvenut, illi l-attur kien is-soġġett ta' investigazzjoni għaddejja dwar ħasil ta' flus[1] u dan lanqas jirriżulta mill-korp tad-digriet tal-Maġistrat Stafrace Zammit li ordna l-ftuħ ta' inkjesta Maġisterjali. Tant hu hekk, illi skont l-attur, l-użu tal-kelma "*investigation*" fil-pubblikazzjoni impunjata mhux mistħoqq għaliex il-kunċett ta' investigazzjoni imur lil hinn minn inkjesta dwar l-in genere kif ordnat mill-Maġistrat Stafrace Zammit, liema deċiżjoni wkoll kienet għadha mhux definittiva u kienet ser tiġi appellata minnu.

B'referenza speċifika, imbagħad, għall-użu tal-kliem partikolari "*embroiled in a money laundering investigation*", l-attur jikkontendi li dan jaghti x'jifhem li huwa kien qed jiġi attivament investigat meta invece, fil-mument meta ġie pubblikat it-*tweet* tal-konvenut, ma kien hemm l-ebda investigazzjoni kriminali għaddejja fil-konfront tal-attur iżda kien hemm biss ordni li tinbeda inkjesta dwar l-in genere, liema inkjesta kienet għadha lanqas bdiet.

L-attur jsostni wkoll li l-istqarrija tal-konvenut ma saritx in buona fede għaliex ma tirrispekkjax fedelment u akkuratament il-fatti rapportati fid-digriet tal-Maġistrat Stafrace Zammit. Imbagħad, fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu, l-abbli difensur tal-

[1] Ara Dok. A, fol. 2.

attur issottometta illi filwaqt li hu minnu illi l-Artikolu 7 tal-Kap. 579 jipprovdi li ma jkun hemm ebda azzjoni għal malafama fir-rigward ta' pubblikazzjonijiet ta' rapporti ta' proċeduri f'qorti tal-ġustizzja f'Malta sakemm dawn ir-rapporti huma rapporti imparzjali tal-proċeduri, il-pubblikazzjoni tal-konvenut ma tistax tgawdi minn din l-eżenzjoni għaliex il-kontenut la m'huwa "*fair*" u lanqas akkurat u inoltre ma sarx in bona fidi. Dan għaliex f'dan it-*tweet* ġew addebitati allegazzjonjiet lill-attur li ma jirriżultawx mid-digriet tal-Maġistrat Stafrace Zammit, f'liema digriet ma hemm l-ebda aċċenn speċifiku għar-reat ta' ħasil tal-flus u fiż-żmien tal-pubblikazzjoni, kien biss dan id-digriet li kien fid-demanju pubbliku u xejn iktar.

L-attur jisħaq ulterjorment illi l-użu tas-simbolu *hashtag* (#) qabel il-kelma *eurozone* ifisser li t-*tweet* tal-konvenut jigi mxerred mal-istituzzjonijiet Ewropej u mal-kollegi tieghu Ministri tal-finanzi Ewropej tal-Eurozone. Skont l-attur, din il-manuvra timmanifesta element tal-malizzja tal-konvenut fil-pubblikazzjoni tal-istqarrija tieghu, liema pubblikazzjoni saret ukoll fi żmien delikat għall-attur ghax kien fil-possibbilita` li jiġi nominat ghal Kummissarju Ewropew. Huwa xehed ukoll li l-konvenut kien jaf illi l-proġett tal-Isptarijiet, bhala konċessjoni pubblika, kien amministrat minn Projects Malta li ma jaqax taħt id-dikasteru tal-Ministeru tal-Finanzi, u kien jaf ukoll illi l-attur ma kellu ebda sehem fin-negozjati li saru ma' Vitals Global Healthcare (VGH) biex din l-entita` tibda tmexxi t-tliet sptarijiet pubbliċi jew xi involviment fil-ħlasijiet li saru lil din l-entita`. L-attur isostni li l-Ministeru tal-Finanzi ma għamel l-ebda pagamenti diretti lill-konċessjonarju VGH għaliex dawn il-pagamenti saru mill-Ministeru tas-Saħħa mill-allokazzjoni tal-estimi finanzjarji skont kif approvati mill-Kabinett tal-Ministri, iżda minkejja li dan kollu kien magħruf lill-konvenut, huwa għażel li jxerred allegazzjonijiet inveritieri fuq il-midja soċjali li ma jirrispekkjawx il-fatti lilu noti.

Ikkunsidrat;

Da parti tiegħu, il-konvenut jinnega illi fid-dikjarazzjoni li huwa ppubblika fuq Twitter, għamel imputazzjoni li l-attur wettaq atti ta' hasil ta' flus jew li kkommetta

reat ta' ħasil ta' flus. Hu jinsisti li attribwixxa lill-attur id-deċiżjoni tal-Maġistrat Stafrace Zammit li tinbeda investigazzjoni kriminali fil-konfront tiegħu u persuni oħrajn in konnessjoni ma' reati ta' ħasil ta' flus, fost reati oħrajn.

Il-konvenut isostni li l-post li huwa ppubblika fuq Twitter huwa essenzjalment kumment politiku li sar abbażi tal-artikolu li deher fis-sit elettroniku timesofmalta.com fit-18 ta' Lulju 2019 b'referenza għad-digriet tal-Maġistrat Claire Stafrace Zammit, u fl-isfond għalhekk tad-deċiżjoni tagħha li tordna li tinfetaħ inkjesta magisterjali biex jigu investigati l-allegazzjonijiet magħmula minn Repubblika fil-konfront ta', *inter alia* l-attur.

Il-konvenut xehed hekk:-

"*Li jkollok ministru tal-finanzi ta' pajjiz tal-Euro Zone illi huwa implikat f'Inkjesta kriminali hija bizzejjed biex fil-kamp politiku nghaddi gudizzju politiku u nghid dan ghandu jirrizenja u fil-fatt .... It-tweet jghid: "at least until he clears his name". Jigifieri bl-ebda mod mhu qed nghid li dan hati ta' reat kriminali u ma jinteressanix. Dak huwa process gudizzjarju. Jien qed naghmel kumment politiku…*"[2]

Ikkunsidrat;

Il-Qorti tibda biex tosserva illi hu fatt magħruf li l-partijiet kontendenti fil-każ li għandha quddiemha, huma jew aħjar, kienu, fiż-żmien tal-pubblikazzjoni impunjata mill-attur, entrambi persuni attivi fil-politika lokali: l-attur bħala l-Ministru tal-Finanzi tal-Gvern u l-konvenut Membru Parlamentari tal-Partit fl-Oppożizzjoni. Tosserva wkoll illi bħala persuna politika, l-attur ghandu jaċċetta parametri iktar wiesa' ta' kritika fir-rwol tieghu ta' membru tal-Gvern u huwa mistenni juri iktar tolleranza għall-kritika u espressjonijiet ta' opinjoni li jsiru fil-konfront tiegħu milli kieku kien indivdiwu privat.

---

[2] Fol. 42.

Fid-decizjoni taghha, il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fil-kaz ta' **Feldek v. Slovakia**[3], gie ritenut:-

"*74. The Court further recalls that there is little scope under Article 10 § 2 of the Convention for restrictions on political speech or on debate on questions of public interest (see Sürek v. Turkey (no. 1) [GC], no. 26682/95, § 61, ECHR 1999-IV). Moreover, the limits of acceptable criticism are wider as regards a politician as such than as regards a private individual. Unlike the latter, the former inevitably and knowingly lays himself open to close scrutiny of his words and deeds by journalists and the public at large, and he must consequently display a greater degree of tolerance (see Lingens v. Austria, judgment of 8 July 1986, Series A no. 103, p. 26, § 42, or Incal v. Turkey, judgment of 9 June 1998, Reports 1998-IV, p. 1567, § 54).*"

Madanakollu, lil hinn mir-rwol pubbliku o meno tal-individwu aggravat, il-punt ta' tluq għandu f'kull każ ikun id-determinazzjoni dwar jekk il-kriterju stabbilit mill-Artikolu 3(4) tal-Att dwar il-Midja u l-Malafama, huwiex sodisfatt fil-kaz in dizamina. Din id-dispozizzjoni tistipola illi **stqarrijiet m'humiex diffamatorji sakemm ma jikkawżawx ħsara serja jew ikunu jistgħu jikkawżaw ħsara serja lir-reputazzjoni tal-persuna jew persuni speċifiċi li jagħmlu t-talba**.

Dan ir-rekwiżit tas-serjeta` tal-ħsara lir-reputazzjoni, jew potenzjal ta' ħsara serja, introdott għall-ewwel darba permezz tal-liġi l-ġdida fil-Kap. 579, jistabbilixxi *threshold* ferm iktar oneruż u impenjattiv ghas-suċċess ta' azzjonijiet għal malafama, milli dak li kien rikjest taħt il-Liġi tal-Istampa[4]. Peress illi dan il-kriterju jinċidi fuq l-azzjonabbilita` tal-allegat malafama, l-istharriġ li għandu jsir taħt l-Artikolu 3(4) għandu jsir f'kull azzjoni ta' libell istitwita taħt l-Att, anke mill-Qorti *sua sponte* mingħajr il-ħtieġa li titressaq eccezzjoni *ad hoc* fir-rigward.

---

[3] App. No. 29032/95, deciz 12 ta' Lulju 2001 ECHR.
[4] Kap. 248.

Il-Gatley, fil-kummenti tieghu dwar l-Artikolu 1 tad-Defamation Act UK[5], jgħid illi t-tendenza li l-imputazzjoni tinċidi negattivament, anke jekk b'mod sostanzjali, fuq ir-reputazzjoni ta' persuna, ma għadhiex iktar suffiċjenti sabiex issostni azzjoni taħt il-ligi l-ġdida, għaliex din introduċiet kriterju ferm iktar oneruż minn hekk. Effettivament, taht id-Defamation Act (UK) 2013 u ugwalment taħt l-Att dwar il-Midja u l-Malafama li effettivament, jikkonsisti f'riproduzzjoni kważi identika tat-test tal-liġi Ingliża, stqarrija, biex titqies bhala diffamatorja, għandha mhux biss tkun kapaċi li tolqot ħażin ir-reputazzjoni tal-persuna iżda **għandha tikkaġuna jew tkun kapaċi li tikkaġuna ħsara serja lir-reputazzjoni**.

Skont il-Gatley[6]:-

"... *whether a publication has caused or is likely to cause, serious harm is likely to require a careful investigation of facts of the particular case and in particular the inherent gravity of the allegation, the nature and status of the publisher and publishee, the claimant's current reputation and financial position, and whether similar allegations have been published before*."[7]

Fl-istħarriġ tal-kwistjoni jekk fil-pubblikazzjoni impunjata, saritx imputazzjoni diffamatorja fil-konfront tal-persuna aggravata, dak li għandu jigi stabbilit hu jekk persuna ordinarja u raġjonevoli ("*an ordinary, reasonable person*") tkun kapaċi tifhem dik l-istqarrija bhala wahda li minnha tinsilet l-imputazzjoni impunjata.

Ikkunsidrat;

Illi applikat dan kollu għall-istqarrija tal-konvenut illi l-attur huwa "*embroiled in a money laundering investigation*", jirriżulta li l-imputazzjoni hi wahda ċara u inekwivoka, ċioe` li **l-attur qed jigi investigat dwar ir-reat kriminali ta' ħasil ta'**

[5] On Libel and Slander (2013 Ed.) 2.6, p. 41.
[6] Gatley, On Libel and Slander (2013 Ed.), p. 41, 2.5.
[7] Bħala parti minn dan l-istħarriġ:- "*Questions of tone and expression, as well as the medium and extent of publication, will all be relevant. The focus will be on the effect or potential effect of the statement on the reputation, rather than the feelings, of the claimant*." - **Collins on Defamation** (2014 Ed.) p. 154 7.32

**flus**. Hu ġeneralment aċċettat fil-ġurisprudenza tal-qrati Inglizi kif ukoll lokali, illi imputazzjoni li l-persuna aggravata kienet jew seta' kienet possibbilment involuta sa ċertu grad, f'attivita` jew att kriminali jew imputazzjoni ta' xi kondotta illegali, huma kkunsidrati bhala diffamatorji. In propositu inghad[8]:-

"*Most obviously however, statements that impute that the claimant has or may have been involved on some degree in a criminal act will almost invariably satisfy the test. Other common examples include imputations that, by reason of some conduct, the claimant is dishonest or a fraud, a hypocrite, dishonourable, immoral, or actuated by some improper motive ... or incompetent or otherwise unfit for some role*."

Għandu jingħad ukoll li bħala parti mill-istharriġ dwar jekk l-imputazzjoni hijiex diffamatorja fil-każ in diżamina, il-konsiderazzjonijiet kollha appena magħmula għandhom jigu applikati **speċifikatament fil-konfront u kwantu għall-pożizzjoni partikolari tal-persuna aggravata**. Dan għaliex għalkemm kif diga` stabbilit, l-imputazzjoni magħmula fl-istqarrija impunjata hi kapaċi oġġettivament li tikkaġuna ħsara serja lir-reputazzjoni b'mod ġenerali, il-kwistjoni li għandha tiġi determinata hi jekk l-imputazzjoni hijiex effettivament diffamatorja meta indirizzata fil-konfront tal-persuna aggravata f'dan il-kaz l-attur li dak iż-żmien kien il-Ministru tal-Finanzi[9].

Wara li qieset dan kollu, l-imputazzjoni li l-attur huwa s-soġġett ta' investigazzjoni dwar ħasil ta' flus, fil-fehma tal-Qorti, hi kapaċi, b'mod ġenerali, li tikkaġuna ħsara serja lir-reputazzjoni tal-attur mhux biss għaliex qed jingħad bla tlaqliq li l-attur jinsab taħt investigazzjoni b'rabta ma' reat kriminali – liema imputazzjoni, kif rajna, titqies b'mod ġenerali bhala waħda diffamatorja - **iżda tabilħaqq għaliex l-attur huwa l-Ministru tal-Finanzi u fl-istqarrija impunjata jinghad li huwa qed jigi investigat sewwasew in konnessjoni ma' reat finanzjarju ċioe' il-ħasil tal-flus li huwa punibbli b'pieni ħorox kif stipolat fil-Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta**.

[8] Collins, *supra* 6.10, p.117.

[9] Fid-deċiżjoni **Dell'Olio v. Associated Newspapers Ltd** [2011] EWHC 3472 (QB) Tugendhat J qal: *"The public position or character of a claimant is relevant to whether words complained of bear a defamatory meaning".*

Din il-konklużjoni l-Qorti waslet għaliha wkoll wara li qieset li l-konvenut huwa Membru Parlamentari tal-Oppożizzjoni li kif inhuwa magħruf, kien sa ftit taz-zmien qabel, jokkupa rwol kostituzzjonali bħala l-Kap tal-Oppożizzjoni, liema status naturalment jagħti iktar kredibbilita` għall-istqarrijiet pubbliċi tiegħu. *Multo magis* meta huwa wkoll fatt notorju li l-konvenut kien ukoll il-kelliem tal-Oppożizzjoni għall-governanza tajba u kien ukoll voċiferu ferm f'dan ir-rwol b'rabta ma' allegazzjonijiet ta' korruzzjoni fil-Gvern Laburista. B'żieda ma' dan, il-fatt li l-istqarrija tal-konvenut ittellgħet fuq pjattaforma tal-midja socjali jfisser li din ġiet ippubblikata lil firxa wiesa' ta' persuni, estiża ulterjorment biż-żieda ta' (*hashtag*) "#eurozone", li jfisser illi kull min ifittex fuq Twitter dwar is-suggett "Eurozone", ikollu aċċessibbilita` diretta ghall-kumment tal-konvenut[10].

Għaldaqstant, fil-qies ta' dan kollu, il-Qorti tqis li l-imputazzjoni maghmula fl-istqarrija tal-konvenut, hija fiha nnifisha waħda li hi kapaċi tikkawża ħsara serja lir-reputazzjoni tal-attur u konsegwentement tissodisfa l-kriterju meħtieġ mill-Artikolu 3(4) tal-Att.

Ikkunsidrat;

Illi l-konvenut eċċepixxa *in primis* illi t-*tweet* impunjat mill-attur mhux libelluż jew malafamanti.

Fir-rigward, l-attur jikkontendi li l-element diffamatorju jinsab fil-fatt illi t-*tweet* ma kienx "*attwali u kien prematur*"[11] għaliex id-deċiżjoni li ordnat il-ftuħ tal-Inkjesta Maġisterjali b'rabta mar-reati kriminali li huwa ġie implikat fit-twettiq tagħhom, kien għadu dak iż-żmien, appellabbli. Effettivament, bħala parti mill-provi tiegħu, huwa ipproduċa fl-atti kopja tad-digriet finali mogħti mill-Qorti tal-Appell preseduta mill-Imħallef G. Grixti fit-3 ta' Ottubru 2019 li permezz tiegħu ġiet revokata l-imsemmija deċiżjoni tal-Maġistrat Stafrace Zammit.

---

[10] Ara xhieda tal-konvenut 23 ta' Jannar 2020.

[11] Paġna 4 tan-nota ta' sottomissjonijiet tal-attur, para. xi.

Iżda hija l-fehma tal-Qorti li għas-suċċess tal-azzjoni ta' libell, l-attur jeħtieġlu dejjem juri li l-pubblikazzjoni kienet diffamatorja fil-konfront tieghu abbażi tal-fatti li kienu eżistenti u magħrufin lill-pubbliku b'mod ġenerali fil-kuntest temporali tal-pubblikazzjoni tal-istqarrija **u mhux biss abbażi ta' żviluppi li seħħew in segwitu għall-pubblikazzjoni** tal-istqarrija impunjata, per eżempju, f'dan il-kaz, abbażi tal-fatt illi l-Qorti tal-Appell ħassret id-deċizjoni li dwarha saret il-pubblikazzjoni impunjata. Iżda fl-istess waqt, tqis illi l-fatti u ċirkostanzi li jiżvolgu sussegwentement għall-pubblikazzjoni tal-istqarrija impunjata huma immaterjali għall-fini li jiġi stabbilit jekk l-istqarrija hijiex waħda diffamatorja, ħlief safejn il-fatti posterjuri jinġiebu bħala prova addizzjonali biex issostni ulterjorment l-imputazzjoni magħmula fil-pubblikazzjoni impunjata.

**Wara kollox, huwa prinċipju stabbilit illi l-imputazzjoni diffamatorja fl-istqarrija impunjata għandha tinftiehem mill-qarrej ipotetiku ordinarju fil-qafas ta' dak li hu raġjonevoli u taċ-ċirkostanzi veljanti fiż-żmien tal-pubblikazzjoni, mingħajr il-ħtieġa li ssir riċerka jew referenza ghal xi fatti li ma jirriżultawx mill-istess pubblikazzjoni jew xi spjegazzjoni sussegwenti, mingħajr sforz u tiġbid ta' interpretazzjoni u mingħajr ħtieġa ta' xi għarfien speċjali**[12].

Għalhekk, filwaqt illi l-Qorti taqbel mas-sottomissjoni li għamel l-abbli difensur tal-attur fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu, illi l-istqarrija diffamatorja oġġett tal-istħarriġ li jrid isir f'azzjoni bħal din, għandha titqiegħed fl-isfond attwali tagħha u fil-qafas taċ-ċirkostanzi li fihom tkun saret il-pubblikazzjoni[13], meta dan jiġi applikat għall-fattispeċje tal-każ in diżamina, ma jirriżultax illi l-istqarrija ma kienetx "*attwali u kien prematur*". Għall-kuntrarju, il-Qorti tqis illi fatt li l-investigazzjoni *per se* kien

---

[12] Iżda huwa importanti li jiġi speċifikat illi dan kollu ma jfissirx illi l-ammissibbilita' jew valur probatorju ta' provi dwar fatti jew ċirkostanzi li seħħew biss wara l-pubblikazzjoni u li meta applikati għall-istqarrija impunjata jagħtuha tifsira diffamatorja, għandhom jiġu *a priori* esklużi. Effettivament, xejn ma josta li dawn il-fatti posterjuri ikollhom siwi safejn ikomplu jissostanzjaw b'mod **addizzjonali** in-natura diffamatorja tal-istqarrija impunjata, purche' fiha nnifisha u fil-qafas temporali tal-pubblikazzjoni, din setgħet tinftiehem mill-qarrej ordinarju b'applikazzjoni tal-prinċipji fuq enunċjati, bħala waħda li twassal imputazzjoni diffamatorja.

[13] Ara silta ċitata mis-sentenza fl-ismijiet **Onor. Dr. Gavin Gulia v. David Agiu**s, deċiża 27.9.2002, Prim'Awla.

għad trid tinbeda huwa immaterjali, għaliex huwa indiskuss li kien **diġa' hemm ordni Maġisterjali sabiex din l-investigazzjoni tiskatta u f'dak il-waqt, kif diġa' stabbilit, kien tabilħaqq dan l-istat ta' fatt li kien eżistenti, u mhux xi stat ta' fatt ieħor**.

**M'huwiex raġjonevoli u lanqas m'huwa mistenni, partikolarment fil-kamp politiku fejn il-limiti ta' kritika huma wiesa' -** ***multo magis*** **fir-rigward ta' materja ta' tant interess pubbliku bħalma hija l-ordni għall-ftuħ ta' Inkjesta Maġisterjali għall-investigazzjoni ta' reati allegatament kommessi minn Ministri sedenti tal-Gvern - li persuna politika mill-kamp oppost joqgħod jistenna sakemm jiġi eżawrit il-proċess kollu proċedurali sakemm dak l-ordni jsir finali u definittiv u ma jiġix megħlub b'xi fatti posterjuri, qabel jazzarda jagħmel xi stqarrija dwar l-implikazzjonijiet politiċi tiegħu**.

Minn din il-perspettiva, il-Qorti, kuntrarjament għal dak li ġie sottomess mill-attur fin-nota ta' sottomissjonijiet, tqis illi l-istqarrija tal-konvenut kienet tempestiva u tqis ukoll illi l-konvenut kien, b'mod ġenerali, ġustifikat politikament illi jikkummenta dwar l-istat ta' fatt li nħoloq bid-deċiżjoni tal-Maġistrat Stafrace Zammit, appena mogħtija l-ġurnata ta' qabel, li ordnat il-ftuħ ta' Inkjesta Maġisterjali b'rabta mal-allegazzjoni li kienu ġew kommessi reati kriminali minn Ministri tal-Gvern, fosthom l-attur, fil-konċessjoni ta' tliet Sptarijiet pubbliċi lil VGH.  Dan irrispettivament mill-fatt li din id-deċiżjoni kienet għadha soġġett li tigi appellata u irrispettivament ukoll mill-fatt illi, sussegwentement għall-pubblikazzjoni impunjata, l-attur appella mid-deċiżjoni li ordnat il-ftuħ tal-Inkjesta Maġisterjali b'rabta mar-reati kriminali li huwa ġie implikat fit-twettiq tagħhom u permezz ta' deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Appell preseduta mill-Imħallef G. Grixti fit-3 ta' Ottubru 2019, ġiet revokata l-imsemmija deċiżjoni tal-Maġistrat Stafrace Zammit.

Ikkunsidrat;

Illi dan stabbilit, il-Qorti trid tgħaddi biex tistħarreġ il-fondatezza o meno tat-tieni u t-tielet eċċezzjonijiet sollevati mill-konvenut għad-difiża tiegħu.

Fit-tieni eċċezzjoni tiegħu, il-konvenut jikkontendi illi l-istqarrija tiegħu m'hijiex malafamanti għaliex il-kontenut tagħha jikkonċerna stat ta' fatt, konsistenti fid-digriet tat-18 ta' Lulju 2019 li ordna li tinbeda Inkjesta maġisterjali fl-allegat kommissjoni da parti tal-attur u persuni oħrajn suspettati bit-twettiq ta' reati b'rabta mal-konċessjoni ta' tliet Sptarijiet privati lil VGH, fosthom ir-reat ta' ħasil ta' flus. Jikkontendi wkoll li dan il-fatt kien ġie mxandar bi prominenza fuq il-mezzi tal-midja fosthom timesofmalta.com f'artikolu ppubblikat ftit tal-ħin qabel, intestat "*Court orders inquiry into government hospitals deal*"[14].

Ġie eċċepit ukoll[15] illi din l-istqarrija tikkonsisti f'kumment politiku dwar persuna pubblika f'materja ta' interess pubbliku, u ghalhekk huwa *fair comment*, kritika aċċettabbli f'soċjeta` demokratika u eżerċizzju tal-jedd tal-liberta` tal-espressjoni.

Għalkemm dawn iż-żewġ eċċezzjonijiet sejrin jiġu trattati flimkien, għandu jingħad illi t-tielet eċċezzjoni jidher li hi fondata kemm fuq id-difiża taħt l-Artikolu 4(2) kif ukoll fuq id-difiża taħt l-Artikolu 5 tal-Att ('l hekk imsejħa "*pubblikazzjoni dwar materja ta' interess pubbliku*").

Il-konvenut jeccepixxi li l-istqarrija pubblikata minnu jikkostitwixxi kumment ġust. Il-Qorti tosserva illi d-difiża ta' *fair comment*, imqajma mill-konvenut, ma kienetx prospettata espressament fil-Kap. 248 iżda kienet rikonoxxuta u msawra mill-ġurisprudenza. Għalkemm din id-difiża ma tissemmiex lanqas fl-Att dwar il-Midja u l-Malafama (Kap. 579)[16], ġiet kodifikata statutorjament bin-nomenklatura "*opinjoni onesta*"[17] u tinsab regolata mill-istess kriterji li jsawru d-difiza magħrufa bħala *honest opinion* fid-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 3 tad-Defamation Act (UK) 2013. Iżda

[14] Dok. SB2 anness mar-Rikors promotur.
[15] It-tielet eċċezzjoni fir-Risposta tal-konvenut.
[16] Minn hawn 'il quddiem imsejjha "l-Att".
[17] Artikolu 4(2) tal-Kap. 579.

għalkemm huma applikabbli ghaliha kriterji iktar wiesa' minn dawk li kienu ġew żviluppati mill-ġurisprudenza għas-suċċess tad-difiża tal-*fair comment* – naturalment bil-għan li jkompli jiġi aġevolat l-interess pubbliku fil-liberta' tal-espressjoni - hu ovvju illi d-difiża tal-opinjoni onesta effettivament tirrappreżenta fis-sostanza dik li qabel kienet tissejjaħ *fair comment*. Kemm hu hekk, dawn iz-zewġ difiżi entrambi jsibu riskontru biss f'każ li l-istqarrija allegatament diffamatorja tikkostitwixxi dikjarazzjoni ta' opinjoni u mhux stqarrija ta' fatt.

Collins jgħid hekk fir-rigward tad-difiża ta' "*honest opinion*":-

"*... the common law defence of fair comment has been abolished .... and* ***replaced with a statutory defence of honest opinion that is intended for the most part to reflect the common law***."[18] [emfasi tal-Qorti]

Il-Qorti, kuntrarjament għal dak sottomess mill-attur fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu, tqis illi l-opinjoni onesta ma għandhiex titqies bħallikieku hija xi kunċett innovattiv li jikkostitwixxi difiża sostantivament differenti minn dik tal-kumment ġust. Huwa ovvju illi d-difiża ta' opinjoni onesta sostitwiet u kkodifikat dik li qabel kienet tissejjaħ "*fair comment*" u għalhekk, il-ġustizzja tesiġi li l-eċċezzjoni tal-konvenut ta' "*fair comment*", inkorporata fit-tielet paragrafu tar-Risposta tiegħu, titqies u tiġi trattata bħala eċċezzjoni ta' opinjoni onesta a tenur tal-Artikolu 4(2) tal-Att.

Għas-suċċess ta' din id-difiża, il-konvenut jeħtieġlu juri qabel xejn illi l-istqarrija impunjata tikkostitwixxi stqarrija ta' opinjoni u mhux stqarrija ta' fatt[19]. Fir-rigward, jinsab ritenut illi:-

[18] On Defamation, *supra,* 9.03, p. 188.
[19] Artikolu 4(2)(a) tal-Kap. 579.

"*A statement might be either a statement of fact or an expression of opinion depending on the context. The form in which the statement appeared and the style adopeted by the publisher will often be decisive.*

...

*Some assertions of fact may be defended as expressions of opinion, **if they are in the nature of deductions of conclusions arrived at by the publisher from other facts which are sufficiently stated or indicated**, where it will be obvious to the reasonable person that the publisher could not have had direct knowledge of the matter stated and must have been expressing a view or inference*"[20] [emfasi tal-Qorti]

Għall-Qorti hu minnufih evidenti li l-istqarrija illi "... *we cannot afford to have a Finance Minister embroiled in a money laundering investigation*" tikkostitwixxi mhux tant stqarrija ta' fatt iżda **d-dikjarazzjoni tal-opinjoni tal-konvenut dwar l-eżitu tat-talba tas-soċjeta' ċivili Repubblika għall-ftuħ ta' Inkjesta maġisterjali biex issir investigazzjoni dwar l-allegat kommissjoni ta' reati kriminali minn persuni suspettati, fosthom l-attur**.

Bħala dikjarazzjoni ta' opinjoni, għalkemm m'huwiex mistenni illi l-verita` sostanzjali tal-fatt tiġi ppruvata, madanakollu jibqa' l-obbligu illi jintwera illi d-dikjarazzjoni tal-opinjoni hija xprunata minn fatti li huma sostanzjalment veri. Fir-rigward, intqal hekk:-

*"... a careful distinction needs to be made between facts and value judgments. The existence of facts can be demonstrated, whereas the truth of value judgments is not susceptible of proof (see De Haes and Gijsels, cited above, p. 235, § 42, and Harlanova v. Latvia (dec.), no. 57313/00, 3 April 2003).*

*99. Admittedly, where allegations are made about the conduct of a third party, it may sometimes be difficult, as in the instant case, to distinguish between assertions of fact*

[20] Collins, 9.12 p. 192.

*and value judgments. Nevertheless, even a value judgment may be excessive if it has no factual basis to support it (see Jerusalem v. Austria, no. 26958/95, § 43, ECHR 2001-II).”*[21]

Inoltre, il-liġi tipprovdi wkoll li d-difiza ta’ opinjoni onesta tista’ titqajjem biss[22] meta l-persuna aggravata hija persuna pubblika entro t-tifsira moghtija mis-subartikolu (5), u fejn jigu sodisfatti l-kriterji l-ohrajn kollha elenkati fl-Artikolu 4(2) tal-Att[23]. Fil-każ tal-lum, l-attur li fiz-zmien tal-pubblikazzjoni in dizamina, kien Membru tal-Parlament kif ukoll il-Ministru tal-Finanzi, huwa bla dubju persuna pubblika ghall-finijiet tal-Artikolu 4(5) tal-Att.

Jirrizulta wkoll, b’referenza għall-ħtigijiet tal-Artikolu 4(2)(b) tal-Att, illi l-bażi tal-opinjoni tal-konvenut dwar l-investigazzjoni li jinsab fil-mira tagħha l-attur, hija indikata suffiċjentement fit-*tweet* in kwistjoni permezz tal-*hyperlink* li jwassal lill-qarrej direttament għall-artikolu ppubblikat fit-18 ta’ Lulju 2019 fuq is-sit elettroniku timesofmalta.com, **liema artikolu mbagħad jagħti huwa stess aċċess dirett lill-kontenut tad-digriet innifsu[24]**. Il-Qorti tqis illi anke fl-ipotesi illi l-qarrej jagħżel li ma jaqrax il-materjal oġġett tal-*hyperlink*, it-titolu tal-*linked content* [“*Court orders inquiry into government hospitals deal*”] jirriżulta mit-*tweet* innifsu u huwa biżżejjed biex jindika l-bażi tal-opinjoni tal-konvenut kif imfissra fit-*tweet* tiegħu. Minn dan, huwa indiskuss illi l-istqarrija tal-konvenut fiha l-espressjoni tal-opinjoni tieghu dwar il-pożizzjoni li jinsab fiha l-attur, in segwitu għall-ordni li kienet għadha kif ingħatat mill-Maġistrat Stafrace Zammit fid-digriet taghha tat-18 ta’ Lulju 2019 biex tinbeda Inkjesta maġisterjali dwar il-kommissjoni tad-diversi reati indikati fir-rikors ta’ Repubblika mill-persuni suspettati, fosthom l-istess attur.

Kif diġa’ ingħad, l-artikolu rapportat fuq is-sit elettroniku timesofmalta.com jittratta proprju l-akkoljiment bid-digriet tat-18 ta’ Lulju 2019 tat-talba ta’ Repubblika ghall-

[21] **Cumpănă and Mazăre v. Romania**; App. 33348/96, deciz 17 ta’ Dicembru 2004.

[22] Subartikolu (3) tal-Artikolu 4.

[23] Iżda m’huwiex meħtieg, ħlief f’każ li jigi eċċepit illi l-opinjoni ġiet ibbażata fuq fatt affermat f’dikjarazzjoni privileġġjata, li jintwera li l-opinjoni giet espressa dwar materja ta’ interess pubbliku.

[24] Ara Dok. SB1.

ftuħ ta' Inkjesta maġisterjali b'rabta ma' reati kriminali allegatament kommessi fit-trasferiment tat-tliet sptarijiet pubblici lil VGH. Jissemma wkoll espliċitament f'dan l-artikolu illi wieħed mir-reati li intalab li jigi investigat huwa "*criminal complicity by Finance Minister Edward Scicluna ...*" f'dan it-trasferiment, liema talba, kif inghad, ġiet milqugħa permezz tad-digriet. Imbagħad, fid-digriet innifsu, direttament aċċessibbli permezz ta' *link* fl-artikolu tat-18 ta' Lulju 2019, jinghad hekk:- "*Illi jibda biex jinghad li r-rikors odjern huwa talba sabiex tibda Inkjesta magisterjali fil-konfront tal-persuni hawn fuq imsemmija minhabba allegazzjonijiet li huma kkommettew reati kriminali hekk kif indikati fl-istess rikors promotur*."[25]

Dan kollu magħdud, ma jħalli l-ebda dubju illi l-ħtiġiet tal-paragrafu (b) tal-Artikolu 4(2) tal-Kap. 579 huma wkoll pjenament sodisfatti.

Imbagħad, jeħtieġ li jigi mistħarreġ ukoll jekk l-istqarrija tal-konvenut li "*we cannot afford to have a Finance Minister embroiled in a money laundering investigation*" tikkwalifika bħala opinjoni onesta għall-fini tal-ħtiġijiet tas-subinċiż (ċ) tal-Artikolu 4(2) tal-Att. Dan is-subinċiż jeħtieġ li jiġi ppruvat li persuna onesta setgħet kellha dik l-opinjoni abbażi ta':-

*(i) kwalunkwe fatt li eżista fiż-żmien li fih id-dikjarazzjoni li dwarha jkun sar l-ilment kienet ippubblikata;*

*(ii) jew kull ħaġa affermata bħala fatt f'dikjarazzjoni privileġġjata ppubblikata qabel id-dikjarazzjoni li dwarha jkun sar l-ilment.*

Il-Qorti bla tlaqliq tgħid illi hija konvinta li anke dan il-kriterju għas-suċċess tal-eċċezzjoni tal-opinjoni onesta, ġie sodisfatt f'dan il-każ. Tibda biex tosserva illi fil-waqt tal-pubblikazzjoni, id-digriet tal-Maġistrat li ordna li tiskatta Inkjesta b'rabta mal-allegat kommissjoni tar-reati kriminali mill-persuni indikati minn Repubbika fir-rikors tagħha, fosthom l-attur - il-Ministru tal-Finanzi attwali tal-pajjiz - **kien stat ta' fatt eżistenti**. Kemm hu hekk, jirrizulta mill-atti illi dak id-digriet ġie revokat biss

[25] Digriet Dok. SB1, fol 10 et seq.

diversi xhur wara, permezz ta' deċiżjoni moghtija mill-Qorti tal-Appell fit-3 ta' Ottubru 2019[26].

Abbażi ta' dan l-istat ta' fatt li ġie rapportat sija fl-artikolu mtella' fuq is-sit elettroniku timesofmalta.com li ġiet *hyperlinked* fit-*tweet* tal-konvenut, hija l-fehma tal-Qorti illi l-qarrej ordinarju seta' raġjonevolment, kif ukoll faċilment, iqis lill-attur bħala wieħed mill-persuni interessati u involuti fl-investigazzjoni dwar l-allegat kommissjoni tar-reati kriminali li skattat bl-ordni tal-Maġistrat Stafrace Zammit.

Kwantu għall-oġġezzjoni tal-attur għall-użu mill-konvenut tal-kelma "*embroiled*", il-Qorti tqis li din mhux biss hija infondata iżda hija wkoll pwerili. Anke kieku stess dik il-kelma fiha nnifisha tista' twassal l-implikazzjoni li l-attur kellu involviment profond fl-investigazzjoni dwar ir-reat imsemmi fl-istqarrija, huwa risaput illi l-istqarrija impunjata, biex jiġi determinat jekk twassalx imputazzjoni diffamatorja, għandha tinqara u tinftiehem fl-assjem tagħha u mhux b'mod spezzettat b'emfasi fuq kelma waħda minflok oħra fejn din ma tkunx ingħatat xi prominenza fil-pubblikazzjoni nnifisha. Fil-każ in diżamina, hu ovvju li l-emfasi li sar mill-konvenut fit-*tweet* tiegħu hija fuq il-kliem "*CANNOT AFFORD*" u "*MUST GO NOW*" u mhux fuq il-kelma "*embroiled*".

F'kull każ, il-Qorti fehmet illi fil-waqt tal-pubblikazzjoni impunjata, l-effett tal-ordni tal-Maġistrat Stafrace Zammit kif rapportat fl-artikolu mtella' fuq is-sit elettroniku timesofmalta.com ma seta' jinftiehem bħala xejn inqas mill-ftuħ ta' investigazzjoni mmexxija minn Maġistrat Inkwirenti biex *inter alia* jiġi stabbilit jekk hemmx evidenza biżżejjed dwar il-kommissjoni tar-reati kriminali msemmija fit-talba ta' Repubblika, okkorrendo wkoll, **minn persuni li wieħed minnhom huwa l-attur**. Għalhekk, l-involviment tal-attur f'dik l-Inkjesta li ġiet ordnata ssir, hu minnufih evidenti u dan irrispettivament mill-użu tal-kelma "*embroiled*": kelma li fl-aħħar mill-aħħar ma twassal l-ebda imputazzjoni li m'hijiex ibbażata fis-sostanza fl-istat ta' fatt maħluq bid-digriet tat-18 ta' Lulju 2019.

[26] Dok. EF1, fol. 181 *et seq.*

Miżmum dan ferm, il-Qorti qajla tifhem il-lanjanza tal-attur tal-użu mill-konvenut tal-kelma "*investigation*" minflok "*inkjesta*": bħallikieku l-qarrej ordinarju jifhem id-differenza bejn investigazzjoni u inkjesta magisterjali. Dan mingħajr qies tal-fatt illi wara kollox, l-inkjesta Maġisterjali hija effettivament investigazzjoni għad illi waħda mmexxija minn Maġistrat Inkwirenti, li hija intiża biex jiġu preservati t-traċċi tar-reat denunzjat, jew jiġi stabbilit kienx hemm il-kommissjoni ta' reat kriminali u jekk ikun il-każ, il-persuni li għandhom jiġu akkużati b'dawk ir-reati.

Fi kliem Lord Devlin[27]:-

"*Let it be supposed, first, that a statement that there is an inquiry conveys an impression of suspicion; and secondly, that a statement of suspicion conveys an impression of guilt. It does not follow from these two suppositions that a statement that there is an inquiry conveys an impression of guilt.*"[28]

Wara kollox, jinsab ritenut illi għad-determinazzjoni ta' jekk stqarrija hijiex kapaci twassal l-imputazzjoni impunjata:-

"*(1) the governing principle is reasonableness (2) the hypothetical reasonable reader is not naïve but he is not unduly suspicious. He can read between the lines. He can read in an implication more readily than a lawyer and may indulge in a certain amount of loose thinking* ***but he must be treated as being a man who is not avid for scandal and someone who does not, and should not, select one bad meaning where other non-defamatory meanings are available*** *…*"[29] [Emfasi tal-Qorti]

Imbagħad, kwantu speċifikatament għal kritika li ssir minn avversarji fil-kamp politiku, ġie ritenut illi b'mod ġenerali:-

---

[27] **Lewis v. Daily Telegraph Ltd** [1964] AC, at 234.

[28] Fl-istess decizjoni intqal ukoll: "*Suspicion, no doubt, can be inferred from the fact of the inquiry being held if such was the case, but to take the step further and infer guilt is, in my view, wholly unreasonable*". Lord Hodson at 274.

[29] **Jeynes v News Magazines Ltd** [2008] EWCA.

"*Right-thinking members of society ... may understand attacks by politicians on one another, not imputing some base, dishonourable motive, or hypocrisy, to be fair game in the context of the modern political struggle.*"[30]

Hija tabilħaqq il-fehma tal-Qorti illi l-istqarrija tal-konvenut fit-*tweet* in diżamina ma tagħmel u ma twassal l-ebda imputazzjoni lil hinn mill-implikazzjonijiet ovvji naxxenti mill-istat ta' fatt radikat bid-digriet tat-18 ta' Lulju 2019. B'mod partikolari, din l-istqarrija ma twassalx u m'hijiex kapaċi twassal l-ebda imputazzjoni li l-attur kien qed jiġi effettivament **akkużat** bir-reati kriminali li kellhom jiġu investigati permezz tal-Inkjesta li skattat bid-digriet in kwistjoni, wisq inqas li huwa ħati ta' dawk ir-reati. Effettivament, il-konvenut imkien ma semma xi ċirkostanzi li huma kapaċi jqanqlu xi suspett li l-attur huwa effettivament ħati tar-reat li dwar qed jiġi investigat.

Relevanti in propositu huwa dak li ntqal fid-decizjoni fil-kaz **Favell v. Queensland Newspapers Pty Ltd**:-

"*A <u>mere</u> statement that a person is under investigation, or that a person has been charged, may not be enough to impute guilt. If, however, it is accompanied by an account of the suspicious circumstances that have aroused the interest of the authorities, and that points towards a likelihood of guilt, then the position may be otherwise.*" [31]

Iżda huwa evidenti li t-*tweet* impunjat ma jagħmel ebda referenza għaċ-ċirkostanzi li qanqlu l-investigazzjoni li ġiet ordnata bis-saħħa tad-digriet tat-18 ta' Lulju 2019 u l-konvenut ma għamel l-ebda dikjarazzjoni dwar xi fatti jew allegazzjonijiet konċernanti l-involviment tal-attur fir-reati li kellhom jigu investigati[32].

[30] **Crow v. Johnson** (2012) EWHC 1982 (QB), para. 24.
[31] 2005, HCA 52, citat f'Collins 6.92, p. 139.
[32] Din il-materja giet trattata fid-decizjoni **Flood v. Times Newspapers Ltd** [2013] EWHC 2182 (QB), fejn kien gie rapportat illi l-persuna aggravata kienet investigata b'rabta ma reati ta' korruzzjoni iżda wara diversi xhur mill-pubblikazzjoni, il-persuna ġiet eżonerata minn kull involviment fir-reati soġġetti ghall-investigazzjoni. Ġie ritenut illi peress li l-artikolu kien għamel referenza mhux biss għall-fatt tal-investigazzjoni iżda wkoll għal

**Effettivament, l-istqarrija tal-konvenut hija ċirkoskritta għall-fatt li l-attur kien fil-mira ta' investigazzjoni b'rabta mar-reat ta' ħasil tal-flus, mingħajr ma saret l-ebda referenza, wisq inqas narrazzjoni dwar xi allegazzjonijiet fattwali speċifiċi b'rabta mal-kondotta tal-attur fir-rigward - lanqas dawk l-allegazzjonijiet li saru minn Repubblika fir-rikors tagħhom fejn talbu l-ftuħ ta' Inkjesta. Pjuttost bil-kontra: il-konvenut għalkemm sejjaħ għar-riżenja tal-attur mill-kariga tieghu ta' Ministru tal-Finanzi, ikkwalifika din l-istqarrija b'riżerva inekwivoka importanti: "*at least until he clears his name*". Riżerva li tagħmilha ċar u tissottolinja l-implikazzjoni li l-attur huwa investigat u dan ad esklużjoni tal-imputazzjoni li huwa persuna akkużata jew ħati tar-reati soġġetti għall-investigazzjoni.**

L-attur ħassu aggravat ukoll bl imputazzjoni li huwa soġġett għal investigazzjoni dwar ħasil ta' flus ("*a money laundering investigation*") ghaliex jikkontendi li ma jirriżulta minn imkien mill-artikolu li ghamel referenza ghalih l-konvenut fit-*tweet* tiegħu jew mid-digriet tal-Maġistrat tat-18 ta' Lulju 2019, li wieħed mir-reati allegatament kommessi u li jinsab fil-mira tal-Inkjesta Maġisterjali huwa r-reat tal-ħasil ta' flus, u ma hemm ebda aċċenn għal dan ir-reat speċifiku. Il-Qorti rat l-atti u għalkemm dan hu minnu, hija wkoll il-fehma tagħha li mhux meħtieġ li l-konvenut jipprova l-verita` sostanzjali ta' **kull** allegazzjoni ta' fatt li fuqha tinsab imsejsa l-opinjoni u huwa biżżejjed biex jingħata sostenn fattwali suffiċjenti lill-kumment tal-konvenut.

Fir-rigward tar-rekwiżit tad-difiża tal-opinjoni onesta, Collins jirritjeni illi m'huwiex daqstant relevanti li jkun sar "*misstate*[ment] *one of the foundational facts*" jew ma jkunx għamel referenza ċara fil-pubblikazzjoni għall-fatti **kollha** li kienu noti lilu[33]: huwa biżżejjed li jkun eżista xi fatt indipendenti fiż-żmien tal-pubblikazzjoni u li

---

allegazzjonijiet speċifiċi li kienu fil-mira tal-investigazzjoni u tal-evidenza miġbura, l-artikolu originali kien kapaci li jitqies bhala diffamatorju.

[33] 9.29 p. 196.

persuna onesta setgħet qablet mal-espressjoni tal-fehma tal-konvenut fil-pubblikazzjoni tiegħu[34].

Il-Qorti fil-każ li għandha quddiemha, fehmet minnufih anke mill-qari biss tal-artikolu mtella' fuq timesofmalta.com, li ġie *hyperlinked* fit-*tweet* tal-konvenut u d-digriet li ngħata aċċess dirett għalih mill-istess artikolu, illi t-talba li għamlet Repubblika lill-Maġistrat Stafrace Zammit u li dwarha ingħatat l-ordni li tinfetaħ Inkjesta Maġisterjali, **kienet tikkonċerna reati finanzjarji** u illi l-attur kien ġie mqiegħed fil-mira ta' investigazzjoni dwar reat kriminali finanzjarju. Dan qed jingħad għaliex l-artikolu in kwistjoni jiddeskrivi lill-attur u l-Ministri l-oħrajn implikati fl-iskandlu tat-trasferiment tal-ispartijiet bħala "*key facilitators in the coordinated act of modern day piracy*" u bħala "*willing to give a disproportionate financial advantage to a company with no medical experience*". Hu ovvju f'dan l-isfond illi r-reati kriminali li dwarhom ġie ordnat l-investigazzjoni maġisterjali jikkonċernaw reati finanzjarji u għalhekk il-Qorti tifhem li l-opinjoni li l-attur huwa "*embroiled in a money laundering investigation*" faċilment tista' titqies bħala waħda li persuna onesta setgħet ikollha.

***Multo magis* abbażi tad-dibattitu pubbliku intensiv li - huwa fatt notorju - kien għaddej attivament fil-pajjiż dwar il-proċess kontroversjali tat-trasferiment tat-tliet sptarijiet pubblici lil entita` barranija. Dan id-dibattitu, indubbjament, huwa dwar materja ta' interess pubbliku ġenerali u kien proprju din il-materja dwar it-trasferiment kontroversjali tal-Isptarijiet pubbliċi li kienet fil-mira ta' Repubblika meta ghamlet it-talba li wasslet ghall-ordni ghall-ftuh ta' Inkjesta maġisterjali biex jiġi investigat l-allegat twettiq ta' dawn ir-reati, liema materja kienet ukoll fil-mira tal-konvenut meta għamel id-dikjarazzjoni tal-opinjoni fil-pubblikazzjoni impunjata**.

[34] Din il-fehma Collins jibbażaha fuq il-premessa li:- "*The section 3 defence* [l-ekwivalenti tal-Artikolu 4(2) tal-Att) ... *liberalizes the law quite radically. It will seemingly be open to defendants, in order to establish the third condition for the operation of the defence, to fish around for facts, or matters asserted to be facts in privileged statements, even if those facts or matters were not known to them at the time they expressed their opinions …*" – On Defamation, *supra* 9.32 p. 198

Il-Qorti tqis li jissussisti interess pubbliku reali u evidenti fil-materja li dwarha saret l-istqarrija ppubblikata mill-konvenut. L-Att ma jipprovdix definizzjoni jew linji gwida dwar it-tifsira tal-kunċett ta' interess pubbliku proprju għaliex din il-kwistjoni hija waħda ta' liġi li għandha tiġi deċiża mill-Qorti. Iżda fil-fehma ta' din il-Qorti, l-oqsma tal-amministrazzjoni tal-gvern, kondotta politika u involviment f'reati serji, ilkoll għandhom jitqiesu li huma materji ta' interess pubbliku. Tqis ukoll li meta f'materja li tikkonċerna diskussjoni politika jibqa' xi dubju dwar jekk il-pubblikazzjoni hijiex fl-interess pubbliku, il-kwistjoni għandha tiġi riżolta favur pubblikazzjoni tal-informazzjoni[35].

Jinsab ritenut illi materji ta' interess pubbliku jikkonċernaw prinċipalment:-

"*... matters relating to the public life of the community and those who take part in it, including ... activities such as the conduct of government and political life, elections and public administration ... [and] more widely ... the governance of public bodies, institutions and companies which give rise to a public interest in disclosure, but excluding matters which are personal and private, such that there is no public interest in their disclosure.*"[36]

Dan premess u stabbilit, u fl-assjem tal-fatti kollha rapportati li kienu aċċessibbli u magħrufin lill-pubbliku dwar it-tema in diskussjoni, il-Qorti tqis illi l-kumment tal-konvenut jikkostitwixxi espressjoni tal-fehma politika tiegħu dwar materja ta' interess pubbliku, liema ġudizzju huwa wieħed raġjonevoli li seta' jasal ghaliha kull qarrej raġjonevoli u onest, dodat b'intelliġenza ordinarja, fl-isfond tal-fatti maghrufa, u dan in konformita` pjena mar-rekwiziti tas-subartikolu (2) *et sequitur* tal-Artikolu 4 tal-Kap. 579.

Għaldaqstant, din id-dikjarazzjoni tissodisfa pjenament ir-rekwiżiti tad-difiża tal-opinjoni onesta.

---

[35] Ara fost ohrajn **Ferdinand v. MGN Ltd** [2011] EWHC 2454 (QB).
[36] **Reynolds v. Times Newspapers Ltd** – per Lord Bingham at 176-177 [2001] 2. A.C. 127.

Ikkunsidrat ulterjorment;

L-attur jikkontendi illi l-użu da parti tal-konvenut, tal-kliem partikolari fl-istqarrija impunjata, senjatament "*embroiled*" u wkoll "*emboiled in a money laundering investigation*", kif ukoll l-użu tas-simbolu *hashtag* (#) qabel il-kliem "*eurozone country*", sar b'malafede u bl-intenzjoni ħażina speċifika li jagħmel dik l-istqarrija aċċessibbli lil kull min ifittex il-kelma "Eurozone" u konsegwentement biex itellef ir-reputazzjoni tiegħu mal-Ministri tal-Finanzi Ewropej tal-Eurozone. Jgħid ukoll illi l-intenzjoni malizzjuża tal-konvenut hija manifestata ulterjorment fil-fatt illi l-konvenut kien konsapevoli illi l-Ministeru tal-Finanzi ma kienx involut fil-konċessjoni tal-Isptarijiet għaliex dan irriżulta mit-tweġibiet għall-mistoqsijiet Parlamentari li saru fir-rigward.

Dan l-aggravju jorbot ma' dik il-parti tat-tielet eċċezzjoni sollevata mill-konvenut fir-Risposta tiegħu, fejn huwa jikkontendi li l-pubblikazzjoni impunjata kienet dwar materja ta' interess pubbliku u tikkostitwixxi kritika aċċettabbli f'soċjeta' demokratika[37]. Dan qed jingħad għaliex l-element tal-malizzja, filwaqt li m'hijiex relevanti għall-fini tal-eċċezzjoni tal-opinjoni onesta, hija relevanti fir-rigward tad-difiża taħt l-Artikolu 5 tal-Att[38], in kwantu jrid jiġi ppruvat mill-konvenut illi huwa raġonevolment emmen li l-pubblikazzjoni ta' dik l-istqarrija li sar l-ilment dwarha, kienet ta' interess pubbliku[39]. Dan ifisser illi jekk jintwera li l-konvenut kien motivat b'malizzja fid-dikjarazzjoni minnu pubblikata, din id-difiża tfalli.

Jingħad illi l-animu malizzjuż, b'mod ġenerali, jiġi manifestat bi prova tal-għarfien dwar il-falsita' tal-istqarrija diffamatorja jew fejn jirriżulta illi l-pubblikazzjoni tal-

[37] Hawnhekk il-konvenut jinvoka d-difiża maħsuba fl-Artikolu 5 tal-Kap. 579, imsejħa "*pubblikazzjoni dwar materja ta' interess pubbliku*". Il-malizzja hija relevanti wkoll biex tingħeleb id-difiża tal-pubblikazzjoni privileġġjata kif maħsub fl-Artikolu 6 tal-Kap. 579.

[38] Imsejħa "*pubblikazzjoni dwar materja ta' interess pubbliku*".

[39] Art. 5(1)(b) tal-Kap. 579.

istqarrija kienet motivata primarjament minn ħażen, anke jekk il-konvenut ġenwinament jemmen fil-veraċita' tal-materjal diffamatorju[40].

Diġa' ġie stabbilit illi t-*tweet* tal-konvenut kien dwar materja ta' interess pubbliku, skont kif meħtieġ mill-paragrafu (a) tal-Artikolu 5(1) tal-Att. Kwantu, imbagħad, għat-tieni rekwiżit taħt il-paragrafu (b) tal-istess Artikolu, il-Qorti hi tal-fehma li dan ukoll ġie sodisfatt għaliex fil-fehma tagħha intwera sodisfaċjentement illi l-konvinzjoni tal-konvenut li l-istqarrija hija fl-interess pubbliku, għandha bażi razzjonali. Effettivament, il-konvenut xehed illi huwa ppubblika l-istqarrija in kwistjoni fl-isfond tal-fatt illi huwa kien jaf illi wieħed mir-reati li ġie ordnat li jiġi investigat taħt il-kappa ta' Inkjesta Maġisterjali, kien dwar il-ħasil tal-flus iżda lil hinn minn dan, il-Qorti ma rriskontrat xejn fl-atti li jissuġġerixxi xi malafede da parti tal-konvenut meta ppubblika l-post tiegħu u għamel is-simbolu #eurozone.

Minflok, il-Qorti fehmet illi bħala politiku tal-kamp politiku oppost il-konvenut - ġaladarba kien ġie appena ordnat Inkjesta Maġisterjali li fil-mira tagħha kien hemm l-attur b'rabta mat-twettiq ta' reati finanzjarji - seta' leġittimament iqis l-istqarrija tieghu dwar l-involviment tal-Ministru tal-Finanzi ta' pajjiz fil-Eurozone f'din l-Inkjesta, bħala waħda ta' interess pubbliku suffiċjenti biex jiġġustifika l-pubblikazzjoni dwar stqarrija li tikkonċerna l-involviment tieghu f'Inkjesta għall-investigazzjoni dwar allegat kommissjoni ta' reati finanzjarji. Magħdud dan il-fatt li wieħed ma jridx jinsa illi l-partijiet huma entrambi persuni politiċi fuq il-kamp oppost tal-arena politika partiġġjana lokali, u għalhekk l-attur huwa mistenni li jittollera parametri iktar wiesa' ta' kritika fil-konfront tieghu, *multo magis* minn persuna tal-kamp politiku oppost li kien ukoll sa ftit snin qabel, membru tal-Parlament Ewropew kif ukoll iktar reċentement, Kap tal-Oppozizzjoni. Il-Qorti tqis li l-fatt waħdu li persuna f'dik il-kariga pubblika partikolari kien fil-mira ta' Inkjesta bħal din - fatt li faċilment jista' jitqies li huwa ta' għajb għall-pajjiz *multo magis* pajjiz li huwa

[40] Dan għaliex:- "*Malice requires a determination of the subjective state of mind of the publisher at the time of publication. It does not follow merely from the fact that publishers have no honest belief in the truth of the meanings found to have been conveyed by a publication, that they were necessarily actuated by malice.*" – Collins, *supra,* 11.56, p.244.

membru tal-Eurozone - ma jistax ħlief iġib fix-xejn l-element tal-intenzjoni ħażina allegat mill-attur.

F'dan il-kwadru ta' fatti, l-attur mhux talli ma setax ma jobsorx, iżda kellu jistenna li membru tal-Oppożizzjoni kien ser jindirizza dawn l-izviluppi negattivi f'waqthom u jagħmel kapital politiku minnhom.  Kapital politiku li del resto, fiċ-ċirkostanzi u indipendement mill-ħtija o meno tal-attur fil-mertu tal-akkużi li kienu qed jsiru fil-konfront tiegħu u ta' Ministri oħrajn, kien leġittimu li jsir.

Collins, fil-kummenti tiegħu dwar id-deċiżjoni **Lange v. Australian Broadcasting Corp.**[41] qal hekk:-

"*Having regard to the subject matter of government and politics, an object of destroying the election prospects of a candidate, without more, is not an improper motive*."

Miżmum ferm l-isfond politiku tal-każ in diżamina, fejn fil-mira tal-pubblikazzjoni impunjata kien hemm ukoll dibattitu dwar materja ta' interess pubbliku, il-Qorti m'hija xejn konvinta li kien hemm intenzjoni ħażina tal-konvenut fl-istess pubblikazzjoni.  Il-Qorti hi għalhekk sodisfatta li l-konvenut irnexxielu jwettaq ir-rekwiżiti tad-difiża sollevata minnu taħt l-Artikolu 5(1) tal-Att.

Għaldaqstant, l-istqarrija tal-konvenut ma tistax titqies li hija diffamatorja fil-konfront tal-attur.

**Għal dawn il-motivi, filwaqt li tiddikjara li l-pubblikazzjoni msemmija fir-Rikors promotur m'hijiex libelluża u malafamanti fil-konfront tal-attur, qiegħda tilqa' l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut safejn dawn huma kompatibbli ma' dak li ġie hawn deċiż u konsegwentement, tiċħad it-talbiet tal-attur, bl-ispejjeż jitħallsu mill-istess attur.**

[41] (1997) HCA 25.

**DR. RACHEL MONTEBELLO**

**MAĠISTRAT.**